SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 16-2016

Illum it-Tnejn, 27 ta' Ġunju 2016

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-1.50p.m

## PREŻENTI

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 15-16 li saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju 2016 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 Mill-Minuti

### *1.1.1 Xogħol fuq bankina fi Triq Gardenja*

Il-Kunsillier Bonello staqsa jekk kienx hemm xi żvulupp fir-rigward tat-talba li għamel il-Kunsill biex ħaddiema tal-IPSL assenjati mar-Reġjun jagħmlu rampa għal persuna bi bżonnijiet speċjali fi Triq Gardenja. Huwa saħaq li għandha tinġibed l-attenzjoni biex dan ix-xogħol isir malajr kemm jista' jkun.

### *1.1.2 Ipoġew fi Triq Lellux*

l-Kunsillier Bonello staqsa jekk kienx hemm xi *feedback* mis-*Superintendance of Cultural Heritage* dwar il-proġett tal-Ipoġew fi Triq Lellux li qed jiġi propost taħt is-sejħa ERDF (PA). Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'dan l-istadju l-Kunsill issottometta *brief* dwar il-proġett biex jara jekk hux elegibbli għal fondi.

### 1.1.3 *APPELLI FIL-QORTI – Kuntratt SS(57-15-03) Servizz ta' Knis u Tindif ta' Toroq b'Ħarsien lejn l-Ambjent*

Saret referenza għas-sentenza tal-Qorti dwar l-Appell hawn fuq imsemmi u l-Kunsill bi pjaċir innota *e-mail* tal-Avukat tal-Kunsill fejn informa li l-Kunsill jista' jmexxi fuq dan il-kuntratt. Il-Kunsillier Bonello tkellem dwar xi nuqqasijiet tal-kuntrattur li kien qed jagħti servizz ta' emerġenza u qamet diskussjoni f'dan ir-rigward. Il-Viċi Sindku qal li jekk ikun hemm bżonn il-Kunsill jista' joħroġ *default notice* f'dan ir-rigward. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minn nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Lulju 2016 ser jibda l-kuntrattur il-ġdid u jrid jimxi mal-*workplan* li ħejja l-Kunsill għal dan il-kuntratt. Il-Kunsilliera Caroline Galea talbet li *terġa* tiġi ċċirkulata din il-*workplan* lil Kunsilliera.

### *1.1.4 Ambaxxatur taż-Żgħażagħ*

Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm nominazzjonijiet fir-rigward tal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Is-Sindku semma lir-Rachel Mamo. Il-Kunsill qabel li ssir diskussjoni dwar din in-nomina u ġie deċiż li din il-materja titpoġġa fuq l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss.

### *1.5 Żbir ta' Siġar*

Il-Kunsillier Sciberras irrefera għal minuta 4.9 u staqsa jekk kienx sar iż-żbir ta' siġar fl-*area* ta' Triq Prinjoli u Triq Mabel Strickland. Is-Sindku qal li dan ix-xogħol qiegħed fil-programm u ser isir.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2016 u t-Tnejn, 27 ta' Ġunju 2016 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 0597-16-O – Regjun Nofsinhar – AGM 2016
- 0620-16-O – Trasport Malta :– Traffic Light Junction fi Triq Luqa, Periklu fi Triq Katerina Vitale
- 0669-16-O – HSBC Malta – Catch the Drop Campaign – Construction of manholes
- 0681-16-O – SMC Scout Group – Afforesation

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 609-16-I – Kunsillier Bonello – Ħtieġa ta' Traffic Mirror
- 0646-16-I – Kulleġġ San Benedittu – Career Exposure Experience
- 0626-16-I – Awtorita' tad-Djar – Programm ta' Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern
- 0670-16-O – Right to Smile – Ħarġiet għaż-Żgħażagħ

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:*

- SLLC Memo 15-2016 - Keep Fit Classes
- SLLC Memo 16-2016 - Big Screen fi Ġnien is-Serenita' – Football 10 ta' Ġunju 2016 sal-10 ta' Lulju 2016

- SLLC Memo 17-2016 - Press Conference
- SLLC Memo 18-2016 - Chinese Food Festival
- SLLC Memo 19-2016 - BBQ fil-Picnic Area mill-Iskola tas-Saint Francis
- *National Audit Office – Report on Management Letter Year 2015*
- *Publikazzjoni - On Culture Mapping Valletta 2018*
- *Skola Sekondarja Santa Luċija Klassi 3A – Kartolina ta' ringrazzjament*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 609-16-I il-Kunsill approva l-proposta tal-Kunsillier Joe Bonello li jitwaħħlu żewġ mirja fil-ħruġ ta' Triq Pensjeri għal Triq Pepprin.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0646-16-I il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni dwar it-talba tal-Kulleġġ San Benedittu biex student minn dan il-Kunsill jagħmel ġimgħa esperjenza ta' xogħol fil-Kunsill ta' Santa Luċija

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0626-16-I il-Kunsill innota korriponsenza li ntbagħtet mill-Awtorita tad-Djar dwar stimi ta' xogħol fil-binjiet tal-Gvern bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali. Qamet diskussjoni dwar jekk bdewx u meta ser jibdew ix-xogħolijiet fuq il-binjiet magħżula mill-Kunsill taħt din l-iskema. Is-Sindku qal li fejn irid isir xogħol fuq l-opramorta, x-xogħol għadu ma bediex.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bi-numru 0670-2016-I il-Kunsill laqgħa talba tal-għaqda Right to Smile li taħdem flimkien mal-Kunsill ma' żgħażagħ minn Santa Luċija għal kiri ta' trasport għal tlett ħargiet li ser ikunu organizzati fix-xahar ta' Lulju 2016.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Euro 2016*

Il-Viċi Sindku tkellem dwar l-attivitajiet li qed isiru fi Ġnien is-Serenita' biex il-kampjonat tal-Euro 2016 jintwera fuq *big screen* li ġie armat apposta. Huwa qal li

l-Kunsill kien qabel li jgħin lil Klabb tal-Football u l-Klabb tal-Boċċi billi jgħatihom permess jarmaw bejnithom bar fil-ġnien għal bejgħ ta' xorb u ikel waqt il-perjodu msemmi. Huwa qal li kien kellem lil President tal-Klabb tal-Boċċi u dan qallu li m'għandux x'jaqsam u li mhux interessat. Huwa qal li l-Kunsill irid ikun jaf kif ibenifika l-Klabb tal-Boċċi u x'daħħal minn din l-inizjattiva. Is-Sindku qal li l-klabb tal-Football ma ppartecipax f'din l-inizjattiva u li hu kien ftiehem mas-Segretarju tal-Klabb tal-Boċċi. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill kellu jiġi nfurmat b'dan.

Il-Viċi Sindku qal li xtaq jgħid ukoll li ma jaqbilx mal-organizzazjoni u dak li qed isir. Huwa semma l-oġġezzjonijiet tiegħu fosthom li qed isir tisjir bi *fryers*, qed jitħalla l-armar meta dan suppost kellu jiżżarma kuljum, semma wkoll kaxxi tal-luminata u mwejjed meta suppost kellu jkun hemm siġġijiet biss. Huwa qal li dan kollu qed jagħti dehra kerha li ma tixtraqx lil Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li l-armar tal-Ġnien qed jiżżarma kull filgħaxija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-għan tal-Kunsill f'din l-inizjattiva kien li l-Kunsill ikun qed jgħin lil klabbs sportivi tal-lokal għal beneficcju tar-residenti. Hija qalet li kienet ser tikteb lil President tal-Klabb tal-Boċċi u titlob kjarifika ħalli jiġi stabbilit jekk il-proċedura li ntużat kienetx qed tilħaq l-għan tal-Kunsill.

### *4.2 Memorandum Agreement*

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kopja ta' *Memorandum Agreement* fir-rigward tal-ħaddiema ta' ETC li għandu assenjat miegħu l-Kunsill taħt il-Community Work Scheme. Hija qalet li dan l-*agreement* irid jiġi approvat mill-Kunsill u ffirmat minnha u mis-Sindku u jorbot b'ċertu responsabiltajiet. Il-Kunsill qabel li għanda tinbagħt kopja tal-*memorandum agreement* lil Kunsilliera biex dan jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

### *4.3 Lap Top tal-Kunsill*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*laptop* tal-Kunsill li kien inxtara għaxar snin ilu għandu bżonn ta' manutenzjoni u li jiġi *upgraded*. Hija ppreżentat kwotazzjoni tal-ispiża nvoluta li kienet tammonta għas-somma ta' €130.00. Hija qalet li wieħed ġdid jiswa bejn €530.00 u €585.00. Il-Kunsill qabel li għandu jinxtara laptop ġdid b'*software* aktar modern u kompatibbli.

### *4.4 Zuntier tal-Knisja*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-Knisja kienet ħadet ħsieb tagħmel ix-xogħol fuq iz-zuntier biex jiġi eliminat il-periklu li kien hemm. Huwa qal li dan ix-xogħol ġie ċertifikat mill-perit li kien inkarigat minn dawn ix-xogħolijiet u għaldaqstant setgħu jitneħħew il-*barriers* mill-pulizija.

## *4.5 Keep Fit Classes*

Saret referenza għal *Keep Fit Classes* li kien ser jorganizza l-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien hemm rispons tajjeb għal din l-inizjattiva. Hija qalet li kien hemm min xtaq jiġi darba fil-ġimgħa minflok darbtejn u jħallas in-nofs. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni għal din it-talba.

## *4.6 Approvazzjoni ta' xiri ta' kotba għall-Librerija Pubblika*

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet talba mill-librara għal xiri ta' kotba ġodda għall-librerija pubblika. Il-Kunsill approva ix-xiri ta' dawn il-kotba li jammontaw għas-somma ta' €40.00.

## *4.7 Tabella fil-Venda*

Is-Sindku tkellem dwar id-diversi ilmenti li jirċievi l-Kunsill dwar il-fatt li meta l-karrozzi tal-linja jiefqu fuq il-venda iħallu l-magna startjata. Huwa ppresenta tabella li tgħid biex il-magna tal-karrozza ma titħallix startjata fil-ħin li l-karrozza tal-linja tkun wieqfa fuq il-venda. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jibgħat din il-proposta għall-attenzjoni ta' Trasport Malta għall-approvazzjoni.

## *4.8 Triq Pensjeri*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li resident minn Triq Pensjeri qed jitlob li jerġa jiġi *reinstated* il-*gutter* li kien hemm tul it-triq qabel sar ix-xogħol ta' *major patching* madwar sentejn ilu. Hija qalet li dan ir-resident għandu l-katusa tal-bitħa li issa ġiet taħt il-livel tat-triq u waqt xita qawwija l-ilma tax-xita li jinġabar fil-bitħa ma jkunx jista joħroġ. Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u ġie nutat li meta tagħmel xita straordinarja kulħadd ikollu xi ftit ta'nkonvenjent. Madanakollu l-Kunsill qabel li tinġieb stima tax-xogħol involut biex tiġi ndirrizzata din il-problema.

## *4.9 Sejħa għall-kwotazzjonijiet*

### 4.9.1 Kwotazzjonijiet: SLLC Q (57/16/03) – Provista u Installazzjoni ta' Sistema ta' CCTV fil-Playing Field Area

Waqt din il-laqgħa nfetħu l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet tagħlaq f'nofs inhar ta' l-Ħamis, 23 ta' Ġunju 2016. Għal din l-offerta ntefgħu ħames kwotazzjonijiet kif ġej**:**

| Kuntrattur | Ammont |
|---|---|
| **Security Solutions Malta - Michael Cini** | **Euro 3140.00** |
| **Firetech - Charlene Falzon** | **Euro 1486.34** |
| **Avantech - Robert Gauci** | **Euro 5772.42** |
| **PTL Limited - Tony Muscat** | **Euro 2571.00** |
| **G4S - Chris Camilleri** | **Euro 1673.93** |

Il-Kunsill qabel li jitħejja rapport tekniku fuq dawn l-offerti.

### 4.9.2 Kwotazzjonijiet: SLLC Q (57/16/04) – Servizz Temporarju għall Kuratur għall-Ġnien is-Serenita'

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Carl Farrugia** | **Ent A.** Flat 2, Binja tal-Faqqani, Dawret it-Torri, Santa Lucija | **Euro 24** | Għall kull ġurnata ta' erbgħa siegħat |
| **Siro Camilleri** | **Blk N,** Flat 3, Triq iz-Znuber, Santa Lucija | **Euro 4.20** per hr | |

Il-Kunsill iddiskuta dawn l-offerti. Il-Viċi Sindku qal li fil-każ ta' Carl Farrugia dan irid iħallas il-bolla u fil-każ ta' Siro Camilleri dan ma jridx iħallas bolla għax penzjonant. Il-Kunsill qabel li jikri dan is-servizz mill-kuntrattur li tefa' l-orħos offerta jiġifieri Siro Camilleri. Il-Kunsill qabel wkoll li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lil Ministru kkonċernat dwar il-fatt li tneħħa s-servizz ta' *watchman* fil-ħinijiet tal-ġurnata f'dan il-gnien fil-ġranet tas-Sibt, il-Ħadd u l-festi.

### 4.9.3 Kwatazzjonijiet: SLLC Q (57/16/05) – Provista u Installazzjoni ta' *Air Conditioners*

Waqt din il-laqgħa nfetħu l-kwotazzjonijiet li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet tagħlaq f'nofs inhar ta' l-Ħamis, 23 ta' Ġunju 2016. Għal din l-offerta ntefgħu tlett kwotazzjonijiet kif ġej**:**

| | | |
|---|---|---|
| **Cassar Airconditioning Systems Ltd - Shaun Spiteri** | **€2586.44,€399.15** | **ACs for Health Clinic, ACs for Council's office** |
| **Solar Engineering Ltd - Michael Cini** | **€1668.00,€410.00** | **ACs for Health Clinic- outdoor unit for each AC (X3), ACs for Council's office** |
| **BT Commercial Ltd - Andrea Sammut** | **€2577.00,€504.24** | **ACs for Health Clinic, ACs for Council's office** |

Il-Kunsill qabel li jitħejja rapport tekniku fuq dawn l-offerti.

### *4.10 Attivita' Dom Mintoff fi Ġnien is-Serenita'*

Il-Viċi Sindku staqsa min qed jirrappreżenta l-Kunsill fil-laqgħat li qed isiru fir-rigward ta' l-attivita' Dom Mintoff li ser issir fi Ġnien is-Serenita' f'Awissu 2016. Is-Sindku qal li qed tieħu ħsieb persuna voluntier sakemm hu jasal mix-xogħol.

Il-Viċi Sindku qal li huwa jħossu ddispjaċut kif ma ġiex involut f'din l-attivita' meta tqis li hu kien trabba ma' Dom Mintoff u l-familja tiegħu inkluz uliedu li qed jorganizzaw din l-attivita'. Huwa qal li rid jagħmel dan il-punt u ma kien ser jgħid xejn aktar.

### *4.11 Ħarġa għall-Għawdex*

Il-Kunsillier Bonello nforma l-Kunsill li kien ser jorganizza ħarġa għall-Għawdex għal nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju 2016.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 6177 sa numru BOV 6223 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-13 ta' Mejju 2016 ta' 30 ta' Mejju 2016.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 15-2016(23-05-2016).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

| | | |
|---|---|---|
| Salarji għax-xahar ta' Mejju 2016 | Ammont *Gross* | €5677.97 |
| Salarji għax-xahar ta' Ġunju 2016 | Ammont Gross | €6899.89 |

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ewro** |
|---|---|---|---|
| ELC Ltd. | PKG 57 | Serv. Mejju 2016 | 2061.50 |
| Koptasin | Sgns/Mkgs | 21963 | 142.65 |
| Raymond Cuschieri | SLLC Q(57-15-09) | Extra Wks – Upgr. Berga | 890.90 |
| Matthew Schembri | SLLC Q(57-15-07) | Labour Works-March/April<br>Expenses | 787.50<br>496.34 |
| Matthew Schembri | SLLC Q(57-15-07) | Labour Works May 2016<br>Expenses | 485.00<br>510.00 |
| Joseph & Spiridione Zammit | RC(57-14-01) | Serv. Mejju 2016 | 1879.08 |
| Owen Borg | PCA(57-14-02) | Serv. Mejju 2016 | 366.93 |

### 5.5 *Kiri ta' servizz ta' Emerġenza*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €33.60 għal servizz ta' *watchman* li nkera fil-ġranet li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi dan is-servizz kien bil-*leave* jew marid.

## 5.6 Servizz ta' Kordinatur

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €40.00 għal servizz ta' kordinatur tal-*computer courses* li saru wara l-ħin tal-uffiċċju.

## 5.7 Servizz ta' Watchman fi Ġnien is-Serenita' nhar ta' Sibt,il-Ħadd u l-Festi

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €201.60 għal servizz temporarju ta' watchman li ngħata f'Mejju fin-nuqqas ta' servizz ta' *watchman* li tneħħew minn Ġnien is-Serenita' matul il-jum fil-ġranet hawn fuq imsemmija.

## 6. TRAFFIC LIGHT JUNCTION FI TRIQ LUQA

Il-Kunsill ikkonferma l-*final site plan* li nbagħtet minn Transport Malta wara li l-Kunsill aċċetta l-aħħar proposta ta' Transport Malta fir-rigward tat-Traffic Light Junction fi Triq Luqa. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lil Transport Malta biex tinforma l-Kunsill meta ser jibda x-xogħol ħalli jiġu nfurmati r-residenti.

## 7. Proposta - DAR TAL-ANZJANI FIL-KONFINI TA' SANTA LUĊIJA

Is-Segretarju Ezekuttiv irreferit għall-korrispondenza li ntbagħtet mill-ERA – Environment and Resources Authority fejn il-Kunsill intalab jagħti l-*feedback* tiegħu sa mhux aktar tard mid-29 ta' Ġunju 2016 fir-rigward tal-proposta ta' żvilupp hawn fuq imsemmi.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li l-Kunsill għandu jieħu pożizzjoni li għandha tiġi mniżla fil-minuti ta' din il-laqgħa.

Is-Sindku qal li skond uħud mis-sidien, dawn kienu tkellmu maż-żewg partijiet u jidher li hemm qbil miż-żewġ partiti fuq dan l-iżvilupp.

Il-Kunsilliera Caroline Galea wieġbet li ma setgħetx toqgħod fuq dak li qal is-Sindku għax minn naħa tal-Partit Nazzjonalista m'għanda l-ebda konferma. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li hu wkoll m'għandux din il-konferma.

Il-Kunsilliera Galea talbet li tittieħed pożizzjoni fuq livell ta' Kunsill fir-rigward ta' dan l-iżvilupp fil-konfini tal-lokalita' ta' Santa Lucija.

Is-Sindku qal li hu kien tkellem fuq id-diskors ta' wiehed mis-sidien iżda l-Kunsilliera Galea insistit li għaliha dan mhux sodisfaċenti.

Il-Viċi Sindku qal li f'dan l-istadju l-pożizzjoni tal-Kunsill għandha x'taqsam. Huwa qal li meta sema' b'dan l-iżvilupp ħaseb li ser isir f'nofs Wied Garnaw u nkwieta. Huwa kompla jgħid li meta ra s-*siteplan* tal-Mepa ra li dan l-iżvilupp imiss mal-

Bye-pass u jmiss miegħu hemm il-bini tal-iskola li huwa tlett darbiet akbar. Huwa qal li dan huwa proġett soċjali u hu jgħid iva għal dan il-proġett biss u xejn aktar. Il-Kunsillier Bonello qal li hu jaqbel ma dak li qal il-Viċi Sindku u qal li b'dan il-proġett ser igawdu l-anzjani ta' Santa Luċija.

Is-Sindku qal li l-Kunsill ta' Hal Luqa huwa ta' l-istess fehma tal-Vici Sindku u l-Kunsillier Bonello u l-unika tħassib li għandhom huwa l-biża' li jitla aktar bini fl-inħawi.

Il-Kunsillier Sciberras tkellem fit-tul fuq dan l-izvilupp u ta diversi raġunijiet għala hu ma jaqbilx ma' dan l-iżvilupp. Fil-kummenti tiegħu saħaq li Malta hija pajjiż bl-aktar popolazzjoni densa fl-Ewropa b'sittin fil-mija tal-art żvillupata u semma ir-riperkussjonijiet ta' azma u arja anqas nadifa. Huwa qal li mhux kontra l-proġett iżda mhux fuq art ODZ. Huwa kompla jgħid li dan l-izvilupp ser jaffettwa l-*water table* f'Wied Garnaw u qiegħed kwarta mixi l-bogħod miċ-ċentru tal-lokalita'. Huwa qal li għandu jkun hemm *concensus* ħalli l-Kunsill iwaqqaf l-*urban sprawling* milli jkompli jsir. Semma wkoll aktar problemi ta' kongestjoni tat-traffiku u qal ukoll li dan huwa proġett privat u mhux bilfors ser igawdu l-anzjani ta' Santa Lucija.

Il-Vici Sindku qal li l-gvern ser jixtri tmenin fil-mija tas-soddod u dawn ikunu b'xejn bħal ma sar taħt gvern preċedenti fuq dar ta' l-anzjani fil-Mellieħa.

Il-Kunsilliera Galea qalet li xtaqet tagħmilha ċara li hi m'għandha xejn kontra żvilupp soċjali jew kontra dar għall-anzjani iżda hi kontra li din tkun fuq art ODZ.

Is-Sindku qal li hu mhux kontra l-proġett basta ma jinbidel xejn minn dak li konna preżentati waqt il-laqgha pubblika.

Il-Kunsill qabel li jieħu vot fuq il-pozijoni tiegħu dwar dan l-izvillup.

Għall-proposta ta bini ta' dar tal-anzjani fis-sit propost il-Kunsill ivvota hekk:

| | |
|---|---|
| Terrence Ellul | favor |
| Frederick Cutajar | favur |
| Liam Sciberras | kontra |
| Caroline Galea | kontra |
| Joe Bonello | favur |

Il-Kunsill ta' Santa Luċija ivvota b' maġġoranza favur għal proġett propost fis-sit propost.

## 8. VAKANZA – UFFIĊĊJAL EŻEKUTTIV

Il-Kunsill iddiskuta l-vakanza ta' uffiċċjal eżekuttiv fil-Kunsill issa li din il-kariġa tinsab vaganti wara li s-Sinjura Louse Gatt inħatret bħala Assistent Prinċipal. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku pproponew lis-Sinjorina Marilyn Ellul tiġi maħtura bħala Uffiċċjal Eżekuttiv tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Marilyn għandha tlett snin esperjenza kif jitolbu r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali u fix-xogħol tagħha tagħti l-massimu u tieħu inizjattivi minm jedda biex tagħmel aktar mix-xogħol mitlub minnha. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta u ġie deċiż lis-Sinjorina Ellul tibda fil-kariga ta' Uffiċċjal Eżekuttiv mix-xahar ta' Lulju 2016.

## 9. SOTTO-KUMITAT – ATTIVITAJIET

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kien ser iwaqqaf sotto-kumitat għall-attivitajiet. Huwa qal li hu ser ikun iċ-Chairperson ta' dan il-kumitat li ser ikun magħmul minn dawn il-membri:

Malanie Debattista
Siro Camilleri
Matthew Schembri
James Fenech
Kay Van Hear

Il-Kunsillier Joe Bonello qal li dan kien insult għalih għax l-attivitajiet kienu jieħu ħsiebhom hu. Is-Sindku wieġbu li dan is-sotto-kumitat ser ikun qiegħed hemm biex jgħin lilu wkoll fl-organizzazjoni tal-attivitajiet.

## 10. CHINESE FOOD FESTIVAL

Is-Sindku qal li xtaq jagħmilha ċara li fil-korrispondenza li bagħt lil Kunsillieri fl-ebda ħin ma rid jgħid li l-Kunsill mhux kapaċi jorganizza attivitajiet bħal ma hu Chinese Food Festival. Huwa qal li l-ewwel attivita' tas-Sotto-Kumitat Attivitajiet ser tkun Festa ta' Ikel Ċiniż li hija ppjanata li ssir fix-xahar ta' Settembru 2016.

Il-Viċi Sindku qal li waqt l-attivita' taċ-Chinese Food Festival kien qal lis-Sindku li l-Kunsill kapaci jagħmel mhux dan imma ħafna aktar. Huwa ta informazzjoni ta' kif din l-attivita' tista tittella' u offra l-esperjenza li hu għandu fl-organizzazjoni ta' attivitajiet simili.

Huwa qal li mhux kontra li jsir Chinese Food Festival iżda jekk l-organizzaturi ikunu ser jagħmluha b'mod kummerċjali iridu jħallsu għal użu ta' Gnien is-Serenita' skond il-*Bye-Laws* dwar l-amministrazzjoni ta' dan il-ġnien.

Huwa reġa' tenna li joffri l-esperjenza tiegħu biex tittella' l-attivita' f'Settembru 2016.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li hi mhix kontra li jsir Chinese Food Festival u l-unika oġġezzjoni kienet li l-attivita' proposta għat-2 ta' Lulju 2016 ma kienetx ser issir skond il-*Bye-Laws*. Hija rreferit għall-attivita' taċ-Chinese Food Festival li saret fis-sena 2015 fejn kellhom jinġabru fondi b'risq Puttinu Cares. Hija qalet li sa' llum il-Kunsill għadu ma ġiex infurmat kemm inġabru flus waqt din l-attivita'. Is-Sindku qal li hu għandu żewġ bottijiet ta' Puttinu Cares minn erba. Il-Viċi Sindku kkonferma liż-żewġ bottijiet l-oħra kienu ntużaw waqt l-attivita tal-Pasta Night li kienet ġiet organizzata fi Pjazza 7 ta' Lulju u li hu kien irritornhom lil Puttinu Cares u li kien ser jippreżenta riċevta tal-flus li nġabru. Is-Sindku qal li kien ser jieħu ż-żewġ bottijiet li baqgħa u jġib l-irċevuta.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li għandha r-riservi tagħha kemm il-Kunsill qed jimxi strettament mal-*Bye-Laws* u qalet li għandu jkun hemm governanza ċara f'dan ir-rigward. Hija semmiet il-każ ta' persuna lis-Sindku kien informa l-Kunsill li kellha tiġi tħallas għal użu tal-ġnien u sa llum kienet għada ma ħalsitx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li lil din il-persuna ma kienx inħarġilha permess uffiċjali mill-Kunsill biex għamlet użu mill-Ġnien u kien għalhekk li hi ma kitbitx biex din tiġi tħallas. Is-Sindku qal li kien ser jerġa jkellem lil din il-persuna u jitlobha tiġi tħallas.

Il-Kunsill qabel li jittella' Chinese Food Festival f'Settembru 2016. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li għandha titħejja stima tal-ispiża nvoluta li trid tiġi approvata mill-Kunsill skond il-fondi disponibbli. Hija fakkret ukoll li għal dawn l-attivitajiet kulturali hemm skemi ta' fondi li l-Kunsill ikun jekk il-Kunsill ikun ippreparat sew u jaf xi jrid, ikun jista' japplika u jibbenifika minnhom fil-ħin opportun.

**11. TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fil-5.00 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju 2016 fis-1.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ………………,...... ta' ......................… 2016**

**Terrence Ellul**
**Sindku**